MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta ta' 01 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 518/1998/1

**Josephine mart Paul Agius kif debitament awtorizzata bid-Digriet Nru. 131/1998 tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili (Dok. "A")**

**vs.**

**Paul Agius**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tat-13 ta' Marzu 1998 a fol. 1 tal-process fejn l-attrici ppremettiet:-

Illi hi mizzewga lill-konvenut u minn dan iz-zwieg hemm zewgt itfal u cioe' tifel li hu maggorenni u tifla li jisimha Sally Anne li ghadha minorenni;

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba f'inkompatabbilita' ta' karattru u kif ukoll

minhabba f'nuqqasijiet gravi mputabbli unikament lill-konvenut u dan peress illi l-konvenut sar hati versu l-attrici u bintha minorenni ta' sevizji, theddid u ngurji gravi kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-attrici giet awtorizzata mis-Sekond' Awla ta' din il-Qorti illi tipprocedi ghas-separazzjoni personali u dan permezz tad-Digriet Nru. 131/1998 (Dok. "A");

Illi hu fl-interess tat-tifla minorenni Sally Anne illi l-kura u l-kustodja taghha jigu fdati lill-attrici;

Illi l-konvenut hu mpjegat mal-Forzi Armati ta' Malta u ghalhekk hu f'qaghda illi jhallas lill-attrici ghaliha u ghal bintha minorenni retta alimentarja gusta u adegwata;

Illi l-istess attrici tablet lill-konvenut jghid l-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet premessi w imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minorenni Sally Anne lill-attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut illi jissomministra lill-attrici ghaliha u ghal bintha minorenni retta alimentarja gusta u adegwata u dan b'dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti, inkluza dik illi sakemm il-konvenut ikun ghadu mpjegat mal-Forzi Armati ta' Malta l-ammont ta' alimenti stabbilit jigi mhallas direttament lill-attrici mis-salarju illi dan jippercepixxi mill-Forzi Armati ta' Malta;

4. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tassenja lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti s-sehem dovut u tordna x-xoljiment tal-istess komunjoni; u

5. Tordna lill-konvenut biex dan johrog mid-dar konjugali u jmur jabita band' ohra.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 3 tal-process kif ukoll l-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti a fol. 4 tal-process.

Rat illi l-konvenut gie debitament notifikat fil-11 ta' Mejju 2000 (*vide tergo* tal-fol.19) izda baqa' ma pprezentax l-eccezzjonijiet tieghu u b'hekk gie kontumaci.

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta' April 1999, 6 ta' Mejju 1999, 13 ta' Lulju 1999, 14 ta' Ottubru 1999, 16 ta' Marzu 2000, 19 ta' Mejju 2000 u 23 ta' Gunju 2000 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn Dr. Veronica Galea Debono giet nominata bhala Assitenta Gudizzjarja.

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta' Dicembru 2000, 20 ta' April 2001, 27 ta' Settembru 2001, fejn l-Assistenta Gudizzjarja sostniet li hija kienet gabret il-provi kollha u ghalhekk irritornat il-process.

Rat is-seduti w ix-xhieda kollha migjuba quddiem l-Assistenta Gudizzjarja, nkluzi is-seduti quddiemha tat-3 ta' April 2001, 7 ta' Mejju 2001 u 24 ta' Settembru 2001.

Rat il-verbal tad-19 ta' Gunju, 2002 fejn l-attrici ddikjarat illi hija mhix tippretendi manteniment f'dan l-istadju peress illi qeghdha tahdem.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti l-ohra kollha prodotti;

Rat l-istess verbal taghha tad-19 ta' Gunju 2002 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

**(A). PROVI.**

Illi fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2001 xehdet quddiem l-Assistenta Gudizzjarja **l-attrici**. Hija tghid illi l-inkwiet ta’ bejniethom *“mill-ewwel taz-zwieg beda u dana maggorment minhabba l-problema tax-xorb tar-ragel”.* Tghid illi meta kien ikun fis-sakra u jidhol id-dar *“kien jghajjat u jidghi, u jghajjarni b’hafna kliem oxxen quddiem it-tfal. Kien ikisser u jaqta’ t-telefon u darba hebb ghalija”.* Hija tghid ukoll illi harget mid-dar matrimonjali fil-11 ta’ Awissu 1998. Izzid tghid illi *“illum nghix jiena w z-zewgt itfal go dar li kienet proprjeta` ta’ missieri u li missieri halla lili”.*

Illi l-attrici tkompli tghid li hija qeghda tahdem bhala *cleaner* go fabbrika. Dwar id-dar matrimonjali hija tghid illi huma kienu joqghodu fi *flat* tal-Gvern bil-kera, gewwa Hal-Kirkop. Pero’ llum il-gurnata, kif diga’ inghad, hija ma ghadhiex toqghod hemm. Dwar l-oggetti mobbli li kienu jinsabu fil-fond matrimonjali tghid illi *“l-ghamara ta’ god-dar konjugali hadtha kollha mieghi meta tlaqt minn hemm. L-ghamara li hadt kienet kollha ghamara li kienet taghtni ommi qabel ma zzewwigt. Ir-ragel zamm xi ghamara li kienet tieghu qabel iz-zwieg*. *Ahna ma xtrajna xejn ghamara wara z-zwieg u ghalhekk kull ma qsamna kien parafernali”.*

L-attrici tghid illi *“jiena m’ghadnix ninsisti li r-ragel johrog mid-dar tal-Gvern go Hal-Kirkop sabiex nidhol jiena”.*
Illi xehed it-tifel tal-kontendenti Mark u dan fis-seduta tal-24 ta’ Settembru 2001. Jghid illi *“ahna tlaqna mid-dar ta’ Hal-Kirkop ghaliex ma stajniex inkomplu nghixu ma’ missieri stante li dan kien jaghmel hafna stejjer u jghajjar lill-ommi peress illi kien dejjem fis-sakra”.* Sahansitra jghid illi huwa ghamel diversi rapporti mal-pulizija fuq l-ittri *“psatazi li kien jibghatilna”* u li kien hemm kaz fejn kellu jmur il-*polyclinic* ghaliex kellu ugiegh f’zaqqu wara li kiel il-minestra flimkien ma’ ommu. Wara li kien inqala’ dan l-incident huwa flimkien ma’ ommu ssusspettaw illi setgha intefgha xi velenu fil-borma ta’ l-ikel. Pero’ provi dwar dan ma ghandux. Dwar il-hajja familjari tal-genituri tieghu, din

ma tantx tidher li kienet xi wahda trankwilla. Tant hu hekk li dan ix-xhud jghid illi *"qabel ma tlaqna mid-dar ta' Hal-Kirkop jiena w ohti rajna lill-missieri jaghti daqqa fuq mohh ommi b'haga iebsa kbira".*

Illi xehdet ukoll f'din l-istess seduta il-minuri Sally-Anne Agius li qalet illi *"missieri jien jghajjarni … u kien jghajjarni li jiena gejt fid-dinja bl-injections. Qatt ma konna nistghu norqdu bil-lejl peress illi missieri kien il-hin kollu jaghmel l-istorbju bil-lejl u kien ihabbat mal-bieb tal-kamra tas-sodda biex jidhol u ahna konna nsakkru l-bieb".*

Illi ta' preokkupazzjoni l-verbal li ghamlet l-Assistenta Gudizzjarja Dr. V. Galea Debono fejn ivverbalizzat illi *"l-konvenut kien prezenti waqt is-seduta kollha, u li kien taht l-effett ta' l-alcohol. Dan kien car kemm mill-agir tal-konvenut kif ukoll mir-rieha ta' xorb qawwija li kellu fuqu. Waqt is-seduta kollha l-konvenut ma waqafx jinsolenta lill-mara u t-tfal tieghu bi kliem oxxen u pastaz. Kien jidher car illi l-konvenut ma kienx fi stat normali, sahansitra l-ASG kellha titlob li jkun prezenti Pulizija sabiex jikkontrolla l-konvenut u tassigura s-sikurezza taghha, ta' l-avukat difensur u tax-xhieda".*

## <u>(B) OSSERVAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti f'din il-kawza ma hemmx l-anqas l-icken dubju li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment. Anke mix-xhieda li jaghtu wlied il-kontendenti jidher illi ma tantx kellhom tfulija hienja u minghajr inkwiet. Jirrizulta bl-aktar mod abbundanti illi z-zwieg tkisser ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut. Ma tantx hemm x'wiehed izid jghid u dan anke tenut kont ukoll ta' dak li gie verbalizzat mill-Assistenta Gudizzjarja fis-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2001. Dan huwa kollu kemm hu bbazat fuq l-attegjament tal-konvenut lejn martu w uliedu minhabba l-problema tax-xorb li jidher li ghandu, tant li meta jkun xurban, isir vjolenti u jinsulenta lill-martu u lill-uliedu, u ghamel il-hajja taghhom miskina, tant li kellhom jitilqu mid-dar taghhom sabiex sabu naqra kwiet, sakemm ma kienx imur il-konvenut u jaghmel storbju hemm.

Illi ghalhekk dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, jinghad illi llum il-gurnata Sally Anne ghandha l-eta' taghha u tidher li tinsab kuntenta ma' ommha. Illi jidher ghalhekk li jkun opportun illi din il-Qorti tafda l-kura u l-kustodja tal-imsemmija minuri lill-attrici u dan bla ebda dritt ta' access ghaliha mill-konvenut, u dan sakemm issir talba *ad hoc* mill-konvenut, u dejjem suggett ghall-kondizzjoni li l-istess konvenut juri li huwa attenda programm appositu sabiex jitfejjaq mill-problema ta' xorb li ghandu, u li ghadda dan il-programm b'success.

Illi dwar it-tielet talba, din il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha anke *in vista* tal-fatt ta' dak li gie dikjarat mill-attrici fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2002 fejn hija ma kenitx ghadha tippretendi manteniment *stante* li kienet qeghda tahdem. Dwar u t-talba ghall-manteniment tal-minuri jidher li c-cirkostanzi tbiddlu mid-data tad-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tant li fil-fatt skond l-attrici l-konvenut gie *boarded out* mill-impjieg li kellu, u ghalhekk tenut kont tal-premess, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess talba *stante* li ma hemmx provi dwar l-introjtu tal-konvenut, u l-attrici naqset li tressaq tali provi, salv u bla pregudizzju ghal kull talba li tista' ssir fil-futur anke jekk jinbiddlu ic-cirkostanzi.

Illi r-raba' talba tal-attrici ukoll ghandha tintlaqa u b'hekk il-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi ddikjarata xolta *ai termini* ta' l-**artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Mill-provi jirrizulta illi l-attrici diga' hadet l-affarijiet parafernali taghha u li kienu jinsabu fid-dar matrimonjali taghha. Di fatti halliet xi affarijiet lir-ragel li jidhru li kienu parafernali tieghu, ghaliex ma jidhirx li nxtara xejn fiz-zwieg. Ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni dwar dan u ghalhekk din il-Qorti qeghda tassenja l-affarijiet li hadet maghha l-attrici meta telqet mid-dar konjugali bhala a saldu tal-pretensjonijiet taghha kemm f'dak li huwa parafernali u kemm f'dik li hija komunjoni tal-akkwisti, u bl-istess mod tillikwida a saldu tal-pretensjonijiet tal-konvenut minn sehemu fil-komunjoni u bhala proprjeta' parafernali tieghu, billi tassenjalu l-oggetti mobbli li hemm fid-dar konjugali kollha, u li gja jinsabu fil-pussess tieghu.

Illi finalment jinghad illi din il-Qorti wkoll qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba attrici u cioe' fejn giet mitluba li tordna li l-konvenut jigi zgumbrat mid-dar konjugali, li tikkonsisti fi *flat* tal-Gvern, Block 3, *Flat* 5, Qasam tad-Djar Gublew tal-Fidda, Hal Kirkop, mikri lill-kontendenti u dan *in vista* tad-dikjarazzjoni maghmula minnha fis-7 ta' Mejju 2001 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja fejn inghad illi *"jiena m'ghadnix ninsisti li r-ragel johrog mid-dar tal-Gvern go Hal-Kirkop sabiex nidhol jiena",* u dan peress li l-attrici ddikjarat li hija llum ghandha fejn toqghod.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, u biss fis-sens iktar il-fuq spjegat, **tilqa' t-talbiet attrici,** limitatament ghal dak hawn taht premess b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u ghalhekk qeghda tippronunzja s-separazzjoni tal-kontendenti u dan ghal ragunijiet u htijiet imputabbli lill-konvenut u dan minhabba li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti llum tkisser irrimedjabilment u dan minhabba f'inkompatabilita` ta' karattru u kif ukoll minhabba f'nuqqasijiet gravi imputabbli unikament lill-konvenut u dan peress illi l-konvenut sar hati versu l-attrici u bintha minorenni ta' sevizji, theddid u ngurji gravi.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Sally Anne lill-attrici u dan bla ebda dritt ta' access ghaliha mill-konvenut, u dan sakemm u jekk issir talba *ad hoc* mill-konvenut, u dejjem suggett ghall-kondizzjoni li l-istess konvenut juri li huwa attenda programm appositu sabiex jitfejjaq mill-problema ta' xorb li ghandu, u li ghadda dan il-programm b'success. Sadanitant il-konvenut ma ghandux jersaq lejn ir-residenza tal-attrici u tal-istess minuri ghall-ebda raguni.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) talba attrici *stante* li ghar-rigward tal-alimenti rikjesti mill-attrici ghaliha hija ddikjarat fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2002 li hija ma kienitx ghadha tippretendi manteniment f'dan l-

istadju ghaliex hija tahdem, fil-waqt li ghar-rigward tal-minuri ma ngabet ebda prova dwar l-introjtu attwali tal-istess konvenut.

4. Tillikwida w ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti **ai termini ta' l-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u jigi ddikjarat li mill-provi jirrizulta li l-istess komunjoni ma kellha l-ebda assi. *In oltre* din il-Qorti qeghda tassenja lill-attrici l-affarijiet parafernali taghha li hija hadet maghha meta telqet mid-dar konjugali u dan ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha taghha rigwardanti l-istess beni parafernali u l-komunjoni tal-akkwisti, u bl-istess mod tassenja lill-konvenut l-oggetti l-ohra kollha mobbli li ghad hemm fid-dar konjugali u dan ghas-saldu tal-pretensjonijiet tal-konvenut fuq il-proprjeta' parafernali u l-komunjoni tal-akkwisti.

5. Tastjeni ghar-ragunijiet fuq moghtija milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba u dan *in vista* tad-dikjarazzjoni maghmula mill-attrici fis-7 ta' Mejju 2001, quddiem l-Assistenta Gudizzjarja fejn hija sostniet ma ghadhiex tinsisti fuq din it-talba *stante* li llum ghandha post separat fejn qed toqghod, u dan bla pregudizzju ghad-dritt ta' kera li l-istess kontendenti jidher li ghandhom fuq il-fond konjugali fuq deskritt.

Illi l-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**1 ta' Ottubru, 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**1 ta' Ottubru, 2002**